Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9059 — CVC/Messer Group/Divestment Business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 335/14)

1. Fl-14 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CVC Capital Partners SICAV-FIS S.A. ("CVC") (il-Lussemburgu),

— Messer Group GmbH ("Messer") (il-Ġermanja), u

— Divestment Business (negozju f'ċessjoni), li jikkonsisti f'assi u f'impriżi fl-Amerika ta' Fuq u t'Isfel kif ukoll f'assi u f'kuntratti għall-provvista globali tal-elju, li qed jiġu ċeduti fil-kuntest tal-fużjoni proposta bejn Praxair, Inc. u Linde AG.

CVC u Messer, permezz ta' impriża konġunta li għadha kif inħolqot, jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tad-Divestment Business.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Messer: il-gassijiet industrijali u l-impriċi relatati kif ukoll is-servizzi relatati ma' dawn il-prodotti,

— għal CVC: konsulenza marbuta ma' fondi u pjattaformi ta' investiment u l-ġestjoni tagħhom,

— għal Divestment Business: gassijiet industrijali u impriżi relatati fl-Amerika ta' Fuq u t'Isfel kif ukoll attivitajiet globali għall-provvista tal-elju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9059 — CVC/Messer Group/Divestment Business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").